MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tad-29 ta' April, 2013

Numru 16/2012

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**Vs**

**Kenneth Ellul**

**Sentenza dwar eċċezzjonijiet preliminari**

Il-Qorti

Rat l-Att tal-Akkuża Numru 16/2012 li biha l-akkuzat Kenneth Ellul [detentur tal-karta tal-identita` numru 444374(M)] gie akkuzat talli

1. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, il-Professur Anthony Zammit safa vittma ta'

serqa waqt li kien qieghed fil-kamra tas-sodda tar-residenza tieghu gewwa Haz-Zebbug.

Illi dak il-hin li l-professur Anthony Zammit kien ghadu kif dahal jorqod meta dahlu fuqu tlieta minn nies, mghamda u armati b'senter u b'pistola.

Illi huma dahlu mill-bieb principali tar-residenza tieghu wara li marru fuq il-post permezz ta' vettura ta ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CAK848 liema karozza kienet giet misruqa ghaxart ijiem qabel dan l-incident.

Illi b'intenzjoni biex jisraq l-akkuzat u shabu dahlu fil-kamra tas-sodda tal-professur Anthony Zammit, hatfuh, rabtuh, hedduh, sawtuh u kmandawh biex jghatihom il-flus.

Illi fil-fatt b'din l-istess intenzjoni ta' serq, mid-dar tieghu l-akkuzat u shabu l-malviventi irnexxielhom jiehdu diversi oggetti ta' valur u flus kontanti li komplessivament il-valur totali taghhom jaqbez l'elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37).

Illi bid-daqqiet li qala, l-professur Anthony Zammit sofra ksur fl-ghadam ta' wiccu kif ukoll diversi griehi ohra madwar gismu.

Illi minn l-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija irriżulta li wieħed mill-ħallelin involuti kien l-akkużat Kenneth Ellul.

Illi b'għemilu l-akkuzat Kenneth Ellul sar ħati ta' serq ta' diversi oggetti u flus kontanti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94), bil-vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl)

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil Kenneth Ellul reċidiv f'delitt u ħati ta' serq ta' flus u oġġetti tal-valur li jeċċedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeċċedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu - €232.94), bil-vjolenza (użu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' priġunerija ta' mhux inqas minn hames (5) snin u mhux izjed minn tlettin (30) sena skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a),(b),(c),(e),(f), 262(1)(a),(b),(2), 263(a),(b), 265, 267, 269(g), 270, 274(b), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

2. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tieni Kap illi fiċ-ċirkustanzi indikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuża u ċioe` fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu il-Professur Anthony Zammit ġie mahtuf, mhedded bil-mewt, imsawwat, marbut u mizmum kontra r-rieda tiegħu minn l-akkuzat Kenneth Ellul flimkien ma zewg persuni ohra sabiex hu jiġi misruq.

Illi l-akkuzat Kenneth Ellul ma' kellu l-ebda dritt jaġixxi b'dan il-mod apparti mill-fatt li din l-azzjoni saret għal skopijiet illeċiti.

Illi waqt dan l-incident, l-akkuzat Kenneth Ellul għamel diversi offiżi fuq il-persuna tal-Professur Anthony Zammit

bl-iskop tas-serqa li rnexxielu jeżegwixxi fuq il-propjeta' tiegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi delitti.

Illi b'għemilu l-imsemmija Kenneth Ellul sar ħati talli, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil- ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Kenneth Ellul reċidivi f'delitt u ħati talli, bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, żamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, miżmuma jew issekwestrata ġiet offiża fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huma jiġu kkundannati għall-piena ta' mhux inqas minn hames (5) snin u mhux iktar minn disa' (9) snin priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 86, 87(1)(c)(e), 88, 49, 50, 31, u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

3. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tielet Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att tal-Akkuża u ċioe' fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu ġewwa r-residenza tal-Professur Anthony Zammit l-akkuzat flimkien ma shabu volontarjament użaw vjolenża fuq il-persuna tal-Professur

Anthony Zammit, billi tawh diversi daqqiet bis-senter fuq wiccu kif ukoll diversi daqqiet ohra fuq gismu u dan sabiex iġegħluh jghidilhom fejn ghandu il-flus u oggetti ta' valur.

Illi b'riżultat ta' din il-vjolenża, l-Professur Anthony Zammit, ġie ċċertifikat li kien qieghed ibgħati minn ġrieħi ta' natura gravi minhabba ksur fil-wicc.

Illi b'għemilu l-imsemmija akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, kkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna ta' Anthony Zammit liema hsara hija ta natura gravi.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Kenneth Ellul, reċidivi f'delitt u ħati talli, kkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura gravi; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn seba' (7) xhur u mhux iktar minn hames snin priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 217, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

4. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fir-Raba` Kap illi waqt iċ-ċirkustanzi li rriżultaw fl-ewwel zewg kapi ta' din l-att tal-Akkuża u ċioe' fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu ġewwa r-residenza tal-Professur Anthony Zammit l-akkuzat flimkien ma shabu volontarjament użaw vjolenża fuq il-persuna tal-Professur Anthony Zammit, billi tawh diversi daqqiet bis-senter fuq diversi partijiet ta' gismu u dan sabiex iġegħluh jghidilhom fejn ghandu il-flus u oggetti ta' valur.

Illi b'riżultat ta' din il-vjolenża, l-Professur Anthony Zammit. ġie ċċertifikat li kien qieghed ibgħati minn ġrieħi ta' natura hafifa.

Illi b'għemilu l-imsemmija akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, kkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna ta' Anthony Zammit liema hsara hija ta' natura hafifa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Kenneth Ellul, reċidivi f'delitt u ħati talli, kkaġuna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura hafifa; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn hames (5) xhur u mhux iktar minn tmintax-il xahar priġunerija skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221, 217, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkużat.

5. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fil-Hames Kap illi fic-cirkustanzi li rriżultaw fil-kapi precedenti ta' dan l-Att tal-Akkuża u cioe fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, il-Professur Anthony Zammit safa aggredit fil-kamra tas-sodda tar-residenza tieghu gewwa Haz-Zebbug minn l-akkuzat u zewg persuni ohra.

Illi wiehed minn dawn il-malviventi dak il-hin kien armat b'senter u l-akkuzat Keneth Ellul kien armat b'pistola.

Illi dawn l-armi intuzaw diversi drabi billi gew ippuntati fid-direzzjoni tal-Professur Anthony Zammit sabiex iġegħluh jurihom u jagħtihom il-flus li kellu fid-dar tieghu. Ghalhekk fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkużat kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, liema arma ġiet effettivament użata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-

Professur Anthony Zammit u dan bl-iskop ta’ serqa imsemmija fl-ewwel Kap ta’ dan l-Att tal-Akkuża.

Illi b’għemilu l-imsemmi akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, fil-ħin li kien qed jikkometti serqa, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta’ arma tan-nar jew imitazzjoni ta’ arma regolari.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta’ Gunju 2004, fil-31 ta’ Ottubru 2006 u fit-30 ta’ Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmija Kenneth Ellul, reċidivi f’delitt u ħati talli, fil-ħin li kien qieghed jikkometti serqa kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta’ dawk l-oggetti; talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmija akkużat u illi huwa jiġu kkundannat għall-piena ta’ priġunerija għal żmien ta’ mhux iżjed minn hames (5) snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta’ Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 49, 50, 31, 23 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemi akkużat.

6. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Sitt Kap illi fiż-żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta’ dan l-att ta’ akkuża, u ċioe’ fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu l-akkużat Kenneth Ellul kien fil-pussess ta’ arm tan-nar mingħajr ma’ kien debitament liċenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija li jkollu tali pussess.

Illi din l-arma l-akkużat użaha waqt il-kommissjoni tas-serqa.

Illi b’għemilu l-imsemmija akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon.

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta’ Gunju 2004, fil-31 ta’ Ottubru 2006 u fit-30 ta’ Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lill-imsemmi Kenneth Ellul, reċidiv f’delitt, ħati talli, mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, , zamm f’xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon; talab li jingħamel skond il-Liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannat għall-piena ta’ priġunerija minn hames xhur sa sitt snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5(1) u 51(2) ta’ Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 30, 49, 50 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għall kull piena oħra li tista’ skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

7. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fis-Seba` Kap illi fiz-zmien u taht c-cirkostanzi indikati fl-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza u cioe fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta’ Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta’ filghodu waqt li l-akkuzat Kenneth Ellul kien qieghed iffittex l-oggetti ta’ valur fir-residenza tal-Professur Anthony Zammit bl-intenzjoni biex jisraq volontarjament ghamel hsara billi kiser xi oggetti bhal fajjenza u oggetti ohra ghad-dannu ta’ l-istess Professur Anthony Zammit liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta’ Gunju 2004, fil-31 ta’ Ottubru 2006 u fit-30 ta’ Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Illi b’ghemilu l-imsemmi Kenneth Ellul sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b’dan li l-ammont ta’

hsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul recidiv u hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69); talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija min tmintax-il xahar sa hames snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(b), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

8. Wara li l-Avukat Generali ppremetta fit-Tmin Kap illi fl-istess żmien u fiċ-ċirkostanżi msemmija fil-kapi preċedenti ta' dan l-att ta' akkuża, u ċioe` fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, l-akkuzat Kenneth Ellul flimkien maz-zewg hallelin ohra uza vettura ta' l-ghamla Kia Avella bin-numru ta' reġistrazzjoni CAK 848 sabiex jikkometti din is-serqa.

Illi din il-vettura kienet karrozza tal-kiri li ghaxart ijiem qabel is-serqa mertu tal-ewwel kap ta' dan l-att tal-akkuża u cioe fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja kienet ġiet irrapuratata nieqsa minn Louis Sicluna ghan-nom tal-kumpanija PTS Rent A Car Limited.

Illi l-vettura in kwistjoni kienet thalliet ipparkeggata u imsakkra fil-lejl ta' bejn il-wiehed u tlettin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja u l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja minn Jeffrey Farrugia fejn ic-Cervjola Hotel fit-Triq il-Qaliet Marsascala. L-ghada filghodu pero din giet mehuda u misruqa minn l-akkuzat sabiex tintuza fis-serqa li kienet qed tigi ippjanata mir-residenza tal-Professur Anthony Zammit.

Fil-fatt din il-vettura instabet abbandunata quddiem ir-residenza tal-Professur Anthony Zammit gewwa Haz-

Zebbug b’ammont konsiderevoli ta’ hsara fl-’steering shaft’, fil-bieba u wiehed mill-‘mudguard’ ta’ quddiem. Illi din l-hsara giet maghmula meta giet sgassata il-vettura sabiex tinsteraq.

Illi go fiha instab ukoll is-senter li ntuza fis-serqa.

Illi b’għemilu l-akkuzat Kenneth Ellul sar ħati ta’ serq ta’ vettura tal-għamla KIA Avella bin-numru ta’ reġistrazzjoni CAK 848, bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (b’imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta’ bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura);

Illi b’diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta’ Gunju 2004, fil-31 ta’ Ottubru 2006 u fit-30 ta’ Ottubru 2007, l-imsemmi akkużat instab ħati ta’ diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Ġenerali, fl-isem fuq imsemmi, akkuża lil l-akkuzat Kenneth Ellul, reċidiv f’delitt, ħati ta’ serq ta’ vettura bil-valur li jeċċedi l-ammont ta’ elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin ċenteżmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta’ bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaġa misruqa (vettura); talab li jingħamel skond il-liġi kontra l-imsemmi akkużat u illi huwa jiġi kkundannati għall-piena ta’ priġunerija ta’ mhux inqas minn tmintax-il xahar u mhux iżjed minn disa’ snin skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali jew għal kull piena oħra li tista’ tkun skond il-liġi tingħata għall-ħtija ta’ l-imsemmi akkużat.

Rat l-eċċezzjonijiet ippreżentati mill-akkużat li kienu dawn li ġejjin

1. Illi stante li l-process verbal numru 579/09, flimkien mal-atti tieghu ezebiti a fol. 71 tal-Atti ta’ l-Istruttorja,

m'humiex kollha ffirmati mill-Magistrat Inkwirenti, dan jammonta ghall-irregolarita` fil-proceduri li ma tistax tigi sanata u ghalhekk ghandu jigi sfilzat. Jigi umilment rilevat li huwa obbligu tal-Avukat Generali li jezamina l-atti tal-process verbal qabel ma jigu prezentati f'kompilazzjoni, u f'kaz li jirrizultalu li hemm xi nuqqas, huwa ghandu jirrinvija l-atti processwali lil dik il-Qorti permezz ta' rinviju skont l-artikolu 432 tal-Kodici Krimina, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fejn jitlob lill-Magistrat Inkwirenti sabiex jirregolarizza tali nuqqas.

2. Illi l-"identification parade" li saret, esebita a fol. 197 tal-atti tal-inkjesta, hija proceduralment monka u ghandha tigi sfilzata stante diversi irregolaritajiet li sehhew. Jinghad li l-akkuzat stranament ma ppartecipax fiha, u b'hekk l-allegat vittma gie impoggi f'posizzjoni li jidentifika persuni minn grupp ta' nies ohra fl-assenza tal-akkuza. Ma tezisti lanqas ebda indikazzjoni kif effettivament giet kondotta l-istess "identification parade", fis-sens jekk ix-xiehda kienux flimkien jew separati minn xulxin tul l-istess "identification parade". Lanqas ma jirrizulta mill-atti tal-process li gew esebiti r-ritratti tal-persuni li ppartecipaw fl-"identification parade", u ghalhekk illum il-gurnata d-difiza ma tistax tikkontrolla l-"identification parade" li saret. Hawnhekk l-esponenti jaghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Stephen Zammit" moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-16 ta' Lulju 1998 ghal dak li ghandu jsehh f'"identification parade".

3. Fit-tielet lok, qieghed jigi mitlub l-isfilz tal-istqarrijiet rilaxxati mill-akkuzat nhar il-15 ta' Novembru 2008 (a fol. 15 tal-process), nhar it-22 ta' Jannar, 2009 (a fol. 12 tal-process) u nhar il-5 ta' Gunju 2009 (a fol. 10 tal-process), stante li dawn ma ttiehdux b'mod regolari. Dan in vista tas-sentenza Kostituzzjonali moghtija ricentement fl-ismijiet "Il-Pulizija (Spettur Victor Aquilina) vs Alvin Privitera, deciza fil-11 ta' April 2011, is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, minn referenza li saret mill-Qorti Kriminali, fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Matthew-John Migneco" deciza fil-15 ta' Novembru 2011 (per Imhallef Joseph R. Micallef) is-sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili (sede Kostituzzjonali) fl-ismijiet Charles Steven Muscat vs Repubblika ta' Malta (Rik. Numru 7/2010 GC) u sentenza aktar ricenti moghtija

fl-ismijiet “Ir-Repubbblika ta’ Malta vs Alfred Camilleri” deciza nhar is-16 ta’ Jannar, 2012 (per imhallef Anthony Ellul), dik fl-ismijiet “Repubbblika ta’ Malta vs Martin Dimech” moghtija fl-10 ta’ Jannar, 2012. Dan ghaliex il-mankanza tad-dritt ghal prezenza ta’ Avukat waqt l-interrogatorju jilledi d-dritt tal-persuna arrestata, llum akkuzat, kif sancit fl-artikoli 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta. Fil-fatt, f’dawn l-istqarrijiet l-akkuzat, ghalkemm jichad kategorikament u bil-qawwa kollha li huwa ppartecipa fir-reati indizamina, jinkrimina ruhu meta jghid li huwa kien jiehu d-droga eroina. Dan il-fatt jista` jippregudika l-kaz tieghu una volta tali stqarrijiet jigu mghoddija lill-gurati.

4. Illi x-xhieda moghtija mill-Ispettur Joseph Mercieca (minn fol. 181 sa fol. 196 tal-process) ghandha tigi sfilzata, in kwantu din tirrigwarda dak li allegatament intqal lill-Pulizija minn Christopher Sheperd. Tali xhieda tammonta ghal “hearsay evidence” u hija kontradetta minn l-istess Christopher Sheperd meta huwa xehed viva voce quddiem il-Qorti Istruttorja. Ir-regola li tipprojbixxi tali xiehda mhiex wahda assoluta, imma hija soggetta ghal diversi eccezzjonijiet. Il-Qorti tista`, skont ic-cirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem haddiehor u tiehu konjizzjoni taghha meta dan l-istess kliem, fin innifsu, jkollu importanza sostanzjali fuq il-mertu tal-kawza jew jaghmel parti mill-mertu, u meta tali xhud ma jkunx jista` jingieb biex jixhed u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistghu jigu ppruvati sewwa xort’ohra. F’dan il-kaz, il-prosekuzzjoni ressqet lil dan Sheperd jixhed in personam, fejn ta l-verzjoni tieghu ta’ dak li kien allegatament qal lill-ufficjal, u ghalhekk hija din ix-xhieda li ghandha tkun ammissibbli. Dak li qal Sheperd lill-ufficjali tal-Pulizija mhiex res gestae, u ghalhekk ix-xiehda tal-Ispettur Mercieca ghandha tigi sfilzata.

5. Illi minghajr pregudizzju ghar-raba` eccezzjoni u f’kaz li din tigi michuda, parti sostanzjali mix-xiehda moghtija mill-Ispettur Joseph Mercieca, inserita a fol. 181 sa fol. 196 tal-process – senjatament a fol. 190 linja 5 sa linja 8 minn “ghandi nghid illi .....” sal-kelma “Professur Zammit” minn linji 16 sa 18 minn “kien qal ukoll ....” sa “ukoll xi pilloli”, kif ukoll minn linji 20 sa 29 minn “habib

iehor kbir tal-imputat" sa "xehed fl-inkjesta Magisterjali" a fol 191 linji 1 sa 2 minn "qalilna li hu kien ghazel" sa "mietet ommu ftit tal-jiem qabel", linji 5 sa 7 minn "dawn kienu zewg persuni" sa "kollaboraturi kbar tieghu", linji 11 sa 14 minn "l-imputat kien avvicinah u kien qallu" sa "dak ic-curkett ma kienx ta' vera", a fol. 193 linji 20 sa 21 minn "infatti l-konnessjoni" sa "l-abbuz tad-droga" – timpingi negattivament fuq ir-reputazzjoni kif ukoll titfa` dawl hazin fuq il-karattru anke precedenti tal-akkuzat. Dan peress illi gurija, minn dak li xehed l-Ispettur Mercieca, tista` erronjament tibni storja ta' kif saret is-serqa in kwistjoni u tallaccja lill-akkuzat mal-akkadut. Ghalhekk dawn il-versi huma inammissibbli bhala prova u konsegwentement, hlief biss ghal dawk ir-ragunijiet permessi mil-ligi, m'ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati. Il-versi odjerni huma inammissibbli wkoll fid-dawl tal-artikoli 459A u 489 tal-Kodici Kriminali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard, moghtija fil-15 ta' Novembru 2005.

6. Ir-relazzjoni tal-espert nominat fl-odjerna Inkjesta, Dr. Veronique Dalli, ghandha tigi kollha sfilzata u dan ghaliex tali nomina ma saritx skont il-ligi. L-artikolu 650 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi li *"ghandhom jinhatru esperti f'dawk il-kazijiet kollha, fejn ikun mehtieg taghrif jew hila specjali ghall-ezami ta' persuna jew xi oggett".* Skont din id-dispozizzjoni, l-hatra ta' perit hija mehtiega meta jkun hemm bzonn ta' hila jew sengha specjali. Bid-dovut rispett, zgur li Dr. Veronique Dalli m'ghandhiex xi hila jew sengha specjali li ma kellux il-Magistrat li kien qed jirredigi l-inkjesta. L-iskop ta' nomina ta' espert huwa tali, li l-persuna hekk nominata sejra tghin lil Magistrat sbaiex jasal ghal xi konkluzjoni dwar fatt li minghajr l-espertise ta' dik il-persuna, l-Magistrat ma kienx jasal ghaliha. F'dan is-sens, issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet "Il-Pulizija vs Oscar Adami, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali (sede inferjuri) nhar id-9 ta' Frar, 2011. Ma jirrizultax mill-oggett tal-prova kif dikjarat, li dan l-espert jaf xi haga dwar "facts in issue" jew "facts in issue"

jew “facts relevant to the issue” ahjar mill-Magistrat li kien qieghed jidderigi l-inkjesta, u ghalhekk dan ix-xhud jidher li ser jigi prodott biss biex jaghti opinjoni dwar dak li jkun irrizulta mid-deposizzjoni ta’ haddiehor.

In nomina ta’ dan l-allegat espert kien “sempliciment sabiex bhala espert legali tigbor ix-xhieda u tistabilixxi l-fatti kollha relevanti ghal kaz”. Ma jirrizultax minn ezami ta’ dan id-digriet, esebit a fol. 12 tal-atti tal-inkjesta, xi sengha jew hila specjali li ghandha din l-espert sabiex tistabilixxi l-fatti relevanti ghal kaz. M’hemmx dubbju li din in-nomina hija wahda monka u vaga u zgur mhux in linea ma dak li jiddisponu l-artikoli 650 u 548 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta. Tant kien dan ir-ragunament tal-legislatur meta introduca l-artikolu 650 tal-Kapitolu 9 – u cioe` li l-Magistrat ghandu jappunta espert b’hila u/jew teknika specjali – li l-artikolu 653 jipprovdi li :
“(1) Il-periti, meta jispiccaw ix-xoghol u l-esperimenti li titlob il-professjoni jew is-sengha taghhom, ghandhom jaghmlu bil-fomm jew bil-miktub ir-rapport taghhom, skont id-direzzjonijiet tal-Qorti.
(2) Ir-rapport ghandu f’kull kaz isemmi l-fatti u c-cirkostanzi li fuqhom il-periti jkunu ibbazaw il-fehma taghhom”.

Issa minn ezami tar-rapport ta’ Dr. Veronique Dalli ma jirrizultax li hija ghandha xi teknika jew hila specjali u in oltre fl-ebda hin ma esprimiet l-expertise taghha. Ghalhekk tali talba ghas-sfilz tar-rapport taghha hija gusta u ghandha tigi milqugha.

7. Illi parti mix-xiehda ta’ Dr. Veronique Dalli LL.D (minn fol. 242 sa fol. 245 tal-process), precisament il-kliem inseriti a fol. 242 linji 6 sa 9 minn “kien xehed bil-gurament” sa “twettaq dan ir-reat”, jaghtu l-impressjoni li l-akkuzat kien b’xi mod ammetta li wettaq dan ir-reat. Jidher li jew it-traskrizzjoni saret hazina jew l-espert nominat ma inftehemitx sew ghaliex fil-verita` l-akkuzat qatt u fl-ebda stadju ma ammetta, anzi minkejja li gie interrogat erba` darbiet (stqarrija minnhom waqt il-kompilazzjoni ma thallitx li tigi ezebita) huwa dejjem innega kategorikament li huwa kellu xi forma jew ohra ta’

involviment f'dawn ir-reati addebitati lilu. Ghalhekk din is-sentenza timpingi negattivament fuq ir-reputazzjoni kif ukoll titfa` dawl hazin fuq il-karattru tal-akkuzat. Dan peress illi gurija, minn din is-sentenza, tista` tahseb li l-akkuzat l-ewwel ammetta imbaghad irtira l-ammissjoni tieghu. Ghalhekk dawn il-versi huma inammissibbli bhala prova u konsegwentement m'ghandhomx jingiebu a konjizzjoni tal-gurati. Il-kliem indikat huwa inammissibbli wkoll fid-dawl tal-artikoli 459A u 489 tal-Kodici Kriminali, u dan kif gie ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs John Attard" moghtija fil-15 ta' Novembru 2005.

8. Ix-xiehda moghtija mill-Ispettur Jeffrey Cilia (minn fol. 282 sa fol. 289 tal-process) – senjatament a fol. 284 linji 13 sa 17 minn "fil-fatt" sa "Raymond Farugia", a fol. 285 linji 22 sa 26 minn "ghax jiena" sa "minnhom?", a fol. 286 linji 1 sa 7 minn "kien cert mija fil-mija (100%) minnhom" sa "u ikkonfermali li kienu huma"m a fol. 287 linji 14 sa 18 minn "insegwitu" sa "kien jafhom" – timpingi negattivament fuq ir-reputazzjoni kif ukoll titfa` dawl hazin fuq il-karattru tal-akkuzat. Hawnhekk issir referenza mill-Ispettur ghall-fatt li l-imputat kien qieghed jipprova jbiegh arma, li skont l-istess Spettur setghet intuzat fir-reat in kwistjoni. Jghid ukoll li certu Jason Galea kien gharaf lill-akkuzat minn fuq ritratt muri gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Kull darba li ssir referenza ghal dan ir-ritratt (esebit a fol. 436 tal-process u mmarkat bhala Dok. JC1), l-Ispettur juza il-kelma "records". Il-kelma "records indubbjament tfisser li l-akkuzat seta` kellu "a previous conviction".

Inoltre, mill-process jirrizulta li l-akkuzat ma kellu x'jaqsam xejn ma' din l-arma minkejja dak li xehed l-Ispettur Jeffrey Cilia. Dan ghaliex meta ddepona Jason Galea (senjatament a fol. 422 u 423, u fol. 426 tal-process) innega kategorikament li kien b'xi mod gharaf lill-akkuzat mir-ritratt li kien urieh l-Ispettur gewwa l-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Id-difiza ta' l-akkuzat, peress li din l-arma m'ghandha x'taqsam xejn ma' din is-serqa, kienet oggezzjonat ghall-prezentata ta' din l-arma, u dan kif

jirrizulta minn verbal inserit a fol. 248 tal-process. Konsegwentement, ghandu jigi sfilzat ukoll ir-ritratt tal-akkuzat li kien esebit mill-istess Spettur (a fol. 436 tal-process u mmarkat bhala Dok JC1), u dan ghaliex mix-xhieda li nghatat minn Jason Galea ma jidhirx li dan ir-ritratt partikolari kien gie effettivament muri lilu, kif stqarr l-ufficjal prosekutur. Lanqas jirrizulta li x-xhud Jason Galea kien b'xi mod iddentifika lill-imputat, illum akkuzat, waqt is-smiegh tal-kawza. Ghalhekk il-presenza ta' dan id-dokument fil-process hija wahda inammissibbli.

9. Illi x-xiehda moghtija mit-Tabib Mario Scerri MD tas-17 ta' Mejju 2012 [inserita minn fol. 480 sa fol. 484 tal-process], kif ukoll ir-rapport redatt u esebit minnu [a fol. 485 sa fol. 496 tal-process] fl-istess udjenza, ghandu jigi sfilzat. Dan stante li ghad li fir-rinviju tal-Avukat Generali [inserit a fol. 477 tal-process], datat 19 t'April 2012, saret talba lill-Qorti Istruttorja sabiex l-espert Dr. Mario Scerri jikkonsulta l-file mediku tal-vittma biex jirrelata ulterjorment, minn imkien mill-istess atti processwali ma jirrizulta xi provvediment li effettivament jilqa` t-talba sabiex jigi estiz l-inkarigu tal-espert Dr. Mario Scerri, u dan minkejja li fl-ewwel xiehda tieghu [a fol. 228 tal-process] l-istess Dr. Mario Scerri kien stqarr li ma kellu xejn aktar xi jzid ma dak li kien irrelata.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

**L-Ewwel Eċċezzjoni – Talba għall-isfilz tal-Proċess Verbal Numru 579/09.**

L-akkużat issottometta li dan il-Proċes Verbal mhux iffirmat mill-Maġistrat. Fit-trattazzjoni l-Prosekuzzjoni rrispondiet li dan il-Proċess Verbal huwa filfatt iffirmat. Il-

Qorti għamelt l-istess proċess u sabet li l-firma tal-Maġistrat Inkwirenti tidher fil-paġni kollha wkoll.

Għalhekk qed tiċħad din l-ewwel eċċezzjoni.

**It-Tieni Eċċezzjoni - L-ID Parade.**

Il-Qorti rat li waqt it-trattazzjoni l-abbli avukat irtirat it-tieni eċċezzjoni. (Ara wkoll il-verbal a fol 36).

Għalhekk il-Qorti mhix tieħu konjizzjoni ta' din it-tieni eċċezzjoni.

**It-Tielet Eċċezzjoni – Talba għall-isfliz tat-tliet stqarrijiet magħmula mill-akkużat.**

Il-Qorti kkonsidrat dan li ġej:

(i) L-ewwelnett li l-akkużat m'għamel ebda ammissjoni f'xi waħda minn dawn l-istqarrijiet. Bil-maqlub huwa ċaħad kull allegazzjoni kif jirriżulta mill-ewwel volum tal-proċess paġni 10 sa sbatax.

(ii) It-tieni : għal dak li huwa punt legali, waqt li l-Qorti qed tikteb din is-sentenza, l-aħħar deċiżjoni li għandha f'idejha dwar l-istqarrijiet magħmula minn imputati jew akkużati hija daik li tat il-Qorti Kostituzzjonali nhar it-8 t'Ottubru 2012. Minn din is-sentenza jirriżulta li l-Qorti Kostituzzjonali ma laqgetx talba simili.

(iii) It-tielet: huwa tassew li l-akkużat jammetti li kien juża xi droga iżda mkien ma jindika li huwa kien ikkundannat għal tali użu. Lanqas hemm xi indikazzjoni għal sejbien ta' xi ħtija dwar reati preċedenti. Isegwi li fl-istqarrijiet m'hemmx referenzi għal xi reċidiva. Għalhekk l-istqarrijiet bl-ebda mod ma jmorru kontra xi dispożizzjoni li tirregola l-proċess.

Għaldaqstant il-Qorti mhix qed tilqa' t-tielet eċċezzjoni.

**Ir-raba' eċċezzjoni – Il-hearsay rule.**

Il-Qorti eżaminat ix-xhieda tal-Ispettur Joseph Mercieca mill-fol 181 sa 195. Huwa assew li l-Ispettur Joseph Mercieca jirreferi għal dak li qallu Christopher Shepherd a fol 190 u fol 191
kif ukoll meta kien qed jirrispondi fil-kontro-eżami għall-mistoqsijiet li sarulu mid-difiża (ara fol 193). Iżda ma jfissirx li għaliex l-Ispettur Mercieca kien qed jirrakkonta dak li qallu ħadd ieħor waqt investigazzjoni, allura dan għandu jkun sfilzat. Tali xhieda titqies bħala hearsay jekk dak li jkun qal ħadd ieħor jitqies bħala prova tal-fatti li aalegatament seħħew. Iżda mhix hearsay jekk jekk dak li jingħad jitqiesbiss bħala prova li sar dak il-kliem. Huwa wkoll legali li tali xhieda tintuża biex tikkorobora xhieda oħra. Dwar il-hearsay rule, dan hu li kellha xi tgħid il-Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri) fil-każ ' Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi':

'18. Izda, fid-dawl tal-fatt li fost il-provi tal-prosekuzzjoni hemm xhieda diretti tal-fatti in kawza allegati, din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura dwar il-mod kif l-ewwel Qorti esprimiet ruħha dwar ir-regola tal-hearsay evidence li ġiet minnha spjegata tajjeb. Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jigi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jigi ppreżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bhala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u hin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali leġittimi bħal sabiex tigi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi

rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xhieda diretta oħra.

Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip
ta’ xhieda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xhieda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-ċirkostanzi li fihom
jiżvolgi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess.’

Fid-dawl ta’ dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti qed tiċħad ir-raba’ eċċezzjoni.

**Is-Ħames Eċċezzjoni – Frażijiet li ntqalu mill-Ispettur Joseph Mercieca**

Din l-eċċezzjoni hija kontinwazzjoni ma’ dik ta’ qabilha. Il-Qorti eżaminat ix-xhieda mogħtija mill-Ispettur Mercieca dwar kif saret l-investigazzjoni. L-akkużat donnu qed jibża’ li l-ġurati jistgħu jiffurmaw xi storja dwaru minn ċertu kliem li qal l-Ispettur Mercieca. Fil-fehma ta’ din il-Qorti, minn imkien ma jirriżulta li l-Ispettur Mercieca rrefera għall-imġiba preċedenti tal-akkużat. Imkien ma semma’ xi kundanni tal-akkużat li saru qabel ma seħħew l-allegati fatti. Barra dan, dak kollu li qal huwa kliem ta’ xhieda li huma indikati fil-lista ta’ xhieda u li għalhekk ser jiddeponu direttament quddiem il-ġurati.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiddeċiedi li m’hemmx għalfejn tingħata xi ordni biex dawn il-frażijiet jitħallew barra. Għalhekk mhix tilqa’ l-ħames eċċezzjoni tal-akkużat.

**Is-Sitt Eċċezzjoni - Espert Nominat fl-Inkjesta Meta ma kenitx Meħtieġa xi ħila speċjali.**

Il-Qorti nnotat ukoll li , skont il-proċess verbal, l-espert kellha

'bħal espert legali tiġbor ix-xhieda u tistabilixxi l-fatti kollha dwar il-każ.'

Il-Qorti qed teżamina żewġ ċirkostanzi differenti ta' meta jitqabbad 'espert legali'. L-ewwel ċirkostanza hija meta l-Maġistrat għandu kompetenza oriġinali jew għandu kompetenza taħt il-provvediment li jagħmel proċedura waħda sommarjajew huwa kompetanti taħt xi liġi speċjali. Bħalma diġa' ntqal fis-sentenza 'Il-Pulizija vs Oscar Aquilina', li għaliha għamel referenza l-akkużat, ma jistax il-Maġistrat jistrieħ fuq il-provi miġbura minn 'espert legali' mingħajr ma jisma' x-xhieda **ukoll jekk il-Prosekuzzjoni u d-difiża jaqblu li jista' jsir hekk**. Il-Maġistrat irid jisma' l-provi **hu** mill-ġdid. Jekk ma jsirx hekk, is-sentenza tista' tkun dikjarata nulla.

F'każ ta' inkjesta, bħalma huwa fil-każ preżenti, il-Liġi tgħid li l-espert imqabbad irid ikollu 'ħila speċjali'. Għalhekk ukoll fl-inkjesta dwar l-***in genere*** il-ħatra ta' espert għandha tkun kif titlob il-Liġi. Biss f'dan il-każ, b'differenza miċ-ċirkostanza msemmija aktar 'il fuq, ix-xhieda jerġgħu jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati matul l-istruttorja u jerġgħu jixhdu 'viva voce' quddiem il-Qorti Kriminali (jekk isir il-ġuri).

Barra minn dan l-artikolu relevanti ma jgħidx li jekk tinġabar xhieda b'dan il-mod, jiġifieri minn Perit Legali, allura ix-xhieda hija nulla.

Għaldaqstant, ix-xhieda li jkun ġabar l-espert legali matul l-inkjesta għandha tibqa' fil-proċess mhux biss għall-fini ta' kontroll ta' dak li jgħid l-istess xhud minn fuq il-pedana tax-xhieda, imma wkoll biex tintuża f'każ li x-xhud jilħaq imut jew ikun siefer u ma jkunx iddepons quddiem il-Maġistrat waqt l-istruttorja.

Isegwi li l-Qorti f'dan il-każ mhix tilqa' t-talba għall-isfliz ta' tali xhieda u konsegwentement
qed tiċħad is-sitt eċċezzjoni.

**Is-seba' eċċezzjoni - ix-xhieda tal-esperta legali id-Dottoressa Veronique Dalli**

Skont l-atti, a fol 242, l-esperta hija u tikkonferma r-rapport tagħha bil-ġurament qalet hekk:

'Kont preżenti wkoll għal xhieda ta' ġuvnott li kien ikkonferma bil-ġurament quddiem il-Maġistrat Inkwirenti Dr.Silvio Meli (illum Imħallef) kien xehed bil-ġurament illi kien darba fil-karozza ma' ċertu Kenneth Ellul u dan bil-ġurament tiegħu Kenneth Ellul kien stqarr illi kien hu ma' persuni oħra li wettqu l-hold up fuq il-Professur Anthony Zammit u kien spjegalu wkoll il-modus operandi li bih tettaq dan ir-reat.'

L-argument ewlieni tad-difiża huwa li l-akkużat qatt ma ammetta dan ir-reat.

Id-difiża hija korretta li l-akkużat qatt ma ammetta fl-istqarrijiet li huwa wettaq xi reat. Iżda fix-xhieda tagħha id-dottoressa Veronique Dalli mhux qed tgħid li l-akkużat ammetta mal-Pulizija jew magħha t-twettiq tar-reat. Iżda hija qed tgħid dak li qalilha xhud ieħor dwar x'qal l-akkużat. S'intendi dan ix-xhud irid jitla' jixhed u jkunu l-ġurati li jridu jiddeċiedu jemmnuhx jew le.

Id-difiża ssemmi wkoll l-artikoli 459A u 489 in sostenn ta' din is-sottomissjoni.

Bir-rispett kollu dawn l-artikoli m'għandhom x'jaqsmu xejn ma' din is-sottomissjoni. L-ewwel wieħed huwa dwar li fil-kontro-eżami l-akkużat m'għandux ikun mistoqsi dwar karattru ħażin jew xi sejbien ta' ħtija tiegħu.. U dan għandu tliet eċċezzjonijiet kif jidher mit-tieni subinċiż tiegħu:

'(2) F'kull ċirkostanza msemmija fil-paragrafi (a) sa (ċ) hawn aktar qabel kull record li jkun jindika li kien hemm xi sejbien ta' ħtija preċedenti tal-persuna akkużata fl-istess proċedimenti.'

Min-naħa l-oħra l-artikolu l-ieħor (l-artikolu 489) huwa dwar li r-reċidiva m'għandhiex tiġi mgħarrfa lill-ġuri.

Ma jirriżultax li xi wieħed minn dawn l-artikoli japplika għall-każ ta' llum jew għal din l-eċċezzjoni. Dak li ntqal lid-Dottoressa Veronique Dalli la jikkonsisti f'reċidiva u lanqas f'xi nuqqas fil-kontro-eżami lill-akkużat

Għalhekk id-Dottoressa Dr Veronique Dalli tista' tixhed ħlief li min jippresiedi l-ġuri jrid jindirizza lill-ġurati dwar li din ix-xhud qed tixhed dwar dak li semgħet lil ħadd ieħor jgħid x'kien qallu l-akkużat. U hawn terġa' tiskatta r-regola tal-hearsay rule.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad is-seba' eċċezzjoni tal-akkużat.

**It-Tmien Eċċezzjoni - Ix-xhieda tal-Ispettur Jeffrey Cilia (fol 282 – 289)**

Din l-eċċezzjoni għandha tliet partijiet:

(a) Ix-xhieda ta' dan l-Ispettur minħabba li din tista' tinpinġi ħażin fuq il-karattru tal-akkużat għaliex jingħad li l-akkużat kien qed jipprova jbiegħ arma li setgħet intużat fir-reat in kwistjoni.

(b) Ir-ritratt muri ġewwa l-Kwartieri tal-Pulizija u l-kelma 'records.'

Mill-atti jirriżulta li dan l-Ispettur investiga parti mill-allegat delitt. Għalhekk L-Ispettur qed jgħid x'irriżultalu u x'qallu ħadd ieħor. U din il-forma ta' xhieda hija ammissibbli.

Dwar il-kelma 'record', din il-kelma mhux bilfors tfisser 'fedina penali' jew 'reati li wettaq l-akkużat qabel.' Il-kelma 'record' għandha sens aktar wiesa' minn hekk u tista' tfisser kull informazzjoni li jkollha l-Pulizija. Għalhekk il-Qorti mhix qed tara li jirriżulta xi preġudizzju jekk tintuża din il-kelma. Huwa diffiċli ħafna biex din il-kelma tkun sostitwita.

Fl-aħħarnett huma l-ġurati li jridu jiddeċiedu jekk l-arma u r-ritratt humiex relevanti jew le.

Għalhekk il-Qorti mhix qed tilqa' (i) t-talba għall-isfilz tar-ritratt in kwistjoni u (ii) t-talba għall-isfilz tal-arma u (iii) it-talba għall-isfilz tal-kelma 'record' u (iv) it-talba għall-isfilz ta' kwalunkwe parti mix-xhieda tal-Ispettur Jeffrey Cilia.

Għaldaqstant il-Qorti qed tiċħad it-tmien eċċezzjoni tal-akkużat.

**Id-Disa' Eċċezzjoni – Ix-Xhieda tat-Tabib Dr.Mario Scerri a fol 485 sa fol 496 tal-proċess.**

Is-sottomissjoni tad-difiża hija li l-inkarigu ta' Dr.Mario Scerri ma kienx estiż wara li sar rinviju tal-Avukat Ġenerali sabiex l-espert Dr.Mario Scerri jikkonsulta **l-file mediku tal-vittma biex jirrelata ulterjorment.**

Sakemm mhux qed jaħrab xi verbal, lill-Qorti ma jirriżultalhiex li l-inkarigu tat-Tabib Dr Mario Scerri kien espressament estiż. Jidher li t-talba tal-Avukat Ġenerali kienet sabiex Dr Mario Scerri jeżamina dokumenti oħra li kienu jmorru 'l hemm mill-kontenut tal-ewwel relazzjoni li għamel.

Għalhekk il-Qorti qed tilqa' din id-disa' eċċezzjoni u tordna l-isfilz tar-rapport esibit minn Dr Scerri ( a fol 485 sa 496) u x-xhieda li ta fis-seduta tas-17 ta' Mejju 2012.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------